San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 43 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**il-Gimgħa 28 ta' Marzu 2014 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Mario Salerno | Sindku |
| 2 | Alex Bezzina | Vici Sindku |
| 3 | Graziella Galea | Kunsilliera |
| 4 | Raymond Tabone | Kunsillier |
| 5 | Mandy Buhagiar | Kunsillera |
| 6 | Peter Abela | Kunsillier |
| 7 | Robert Piscopo | Kunsillier |
| 8 | Daniel Grima | Kunsillier |
| 9 | Jane Chircop | Kunsilliera |
| 10 | Mario Buhagiar | Kunsillier |

**Skuzat/a**

| | | |
|---|---|---|
| 11 | John Bray | Kunsillier |
| 12 | Anne Fenech | Kunsilliera |
| 13 | Oliver Mallia. | Kunsillier |

**Frans Chircop** — Segr. Eżekuttiv

**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.**

**Il-laqgha bdiet fil-5.30pm.**
**Kien hemm il-ftehim li jinfethu t-tenders tal-bankini u tal-printing tal-magazine tal-Kunsill. Ghaldaqstant kien hemm dawk il-kunsilliera kollha prezenti kif ukoll dawk li tefghu t-tenders meta sar il-ftuh tat-tenders.**

**Il-laqgha kompliet fis-6pm.**

**Qari u approvazzjoni tal-minuti.**
Billi l-minuti tal-laqgha precedent numru 42 gew cirkulati minn qabel, dawn ittiehdu bhala moqrija u korretti bl-aggustamenti li gibdet l-attenzjoni ghalihom il-Kunsilliera Graziella Galea.

**Aapprovazzjoni tal-iskeda tal-hlasijiet.**
Is-Sindku talab lill Kunsilliera jekk hemm xi mistoqsijiet ta' kjarifika fuq l-iskeda halli titressaq ghall-approvazzjoni. Billi ma' kienx hemm mistoqsijiet dawn gew approvati mill kunsilliera prezenti minbarra Robert Piscopo u Graziella Galea li astjenew.

**Sospensjoni tal-laqgha – Beach Post ta' zmien il-gwerra.**
Is-Sindku Mario Salerno talab lill Kunsilliera biex tigi sospenduta l-laqgha halli jkun jista' jitkellem il-Perit Justin Spiteri f' isem il-klijent tieghu s-Sur Joseph Frendo. Kien hemm qbil u l-laqgha giet sospiza.

Il-Perit spjega li l-klijent tieghu talbu biex tinbena beach post ta' zmien il-gwerra mill-gdid. Meta l-Kunsill talab ghaliex hemm ix-0xewqa biex tinbena din il-kamra – s-Sur Joseph Frendo qal li jixtieq tinbena ghaliex missieru kien ikun hemm u l-kamra mhux ser tkun miftuha ghall-pubbliku. Ic-cviewvet ser ikunu ghand il-klijiet tieghu u l-iskop huwa ghall-uzu privat tieghu. Kien hem mil-qbil li bhala kunsill ma' ssir l-ebda oggezzjoni mall-MEPA u ghaldaqstant tiddeciedi l-MEPA fuq dawn l-affarijiet.

Il-laqgha kompliet fis-1825.

**Korrispondenza.**
Cycling Race. Inqrat ittra mill-organizzaturi tas-Cycling Race li tigi organizzata kull sena minn fejn l-Ghar ta' San Martin fejn talbu biex jinghataw zewg Wardens halli jassistu fl-organizzazjoni tat-tigrija fl-inhawi tal-Ghar ta' San Martin. Din giet approvata unanimament.

Hatra ta' Ambaxxatur taz-zaghazagh. Is-Sindku Mario Salerno qal li peress li Simeon Nechev kien ghalaq it-18, gejna mitluba biex bhala Kunsill nahtru lill xi hadd iehor. Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li ghandna naraw xi had iehor. Graziella Galea qalet li ghandna nikkonsidraw lis-sinjorina li kienet giet proponuta qabel. Peter Abela qabel li peress li ma' kien hemm had aktar u dakinhar kien hemm tnejn li offrew li jghatu s-servizz tagghom huwa tajjeb li tinghata l-opportunita, ghaldaqstant gie deciz li nistaqsu lis-sinjorina jekk taccettax il-kariga ta' ambaxxatur.

Visual Screens. Billi s-segretarju ezekuttiv spjega li kien hemm l-interess li l-istess kuntrattur li wahhal il-visual screens jiehu f' idejh is-sit elettroniku u jiehu hsieb il-manteniment tal-istess

screens, kien hemm il-hsieb jiehu hsieb ir-riklamar ukoll. Il-Kunsill talab biex jinkitbu l-proposti u tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

*Korsijiet tal-kompjuter.* Inqrat ittra mill-MCA u giet diskussa l-possibilta li jsiru korsijiet tal-kompjuter fil-knisja tal-Qawra bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u l-MCA. Dawn gew approvati unaniment.

*Hatra tal-bordijiet tal-aggudikazzjoni. :-*

*Tender Measure 125 u tal-Bankini.*

Mario Buhagiar
Peter Abela
Raymond Tabone
Jane Chircop
Mario Salerno
Mandy Buhagiar

*Fuljett.*

Raymond Tabone
Jane Chircop
Mandy Buhagiar.

*U-bends u Tourist Maps.*

Anne Fenech
Raymond Tabone
Oliver Mallia.
Mario Salerno
Mario Buhagiar
Mandy Buhagiar
Graziella Galea

*Post Vakanti ta' 2 Skrivani Skala 15 u Skala 16*

Peter Abela
Mario Buhagiar
Daniel Grima
Raymond Tabone
Jane Chircop
Mario Salerno
Anne Fenech

*Workind Group biex jahdmu fuq il-parkegg – Triq il-Mosta u nhawi ohra.* Gie maqbul li jinhatar working group minn hdan il-kunsilliera biex jara x' jista jsir u naraw kif l-ahjar isir aktar parkegg f' diversi toroq tal-lokalita . Il-Kunsilliera li xtaqu jippartecipaw f'dan il-working group huma Raymond Tabone, Graziella Galea, Mario Buhaggiar, Robert Piscopo u Oliver Mallia.

*Uzu tas-sala tal-Kunsill.*

Inqrat ittra fejn il-Kunsill intalab biex joffri s-sala tal-Kunsill halli tigi organizzata l-laqgha tal-Girl Guides. Kien hemm approvazzjoni unanima.

*Estensjoni tal-bankina quddiem l-istabbiliment tal-Lira.*

Billi l-bankina quddiem l-istess stabbiliment ga hija wiesgha aktar min-normal u l-istabbiliment mhux Café jew restaurant – il-Kunsill qabell unanimament li ma' japprovax din l-estensjoni.

IKIDS – korsijiet tal-kompjuter.
Inqrat l-ittra minghand tat-TCTC biex bhas-snin precedent jergaw isiru korsijiet tal-kompjuter ghat-tfal fil-Kunsill ta' San Pawl il-Bahar. Kien hemm il-qbil unanimu dwar dan.

_Malta Records & Fireworks Festival 2014_. Is-Sindku Mario Salerno qal li nhar is-Sibt 26 ta' April ser jigi organizzat il-Malta records fejn ser ikun l-attentat biex jinkiser ir-rekord ta' l-akbar Cassatella Siciliana li qatt saret f' Malta. Immedjatament wara ser jibda l-festival tan-nar u qed jiggi organizzat il-programm tal-attvita li ser isir bil-kollaborazzjoni tal-MTA u l-Malta Records. Ghaldaqstant ser isiru diversi laqghat mall-Pulizija, TM u l-entitajiet kollha koncernati biex jinbeda x-xoghol fuq din l-attivita.

_Laqgha Annwali Pubblika_ Sar il-qbil biex din is-sena l-laqgha annwali pubblika ssir il-gimgha 2 ta' Mejju 2014 fis- 6pm sat-8pm fis-sala tal-Kunsill.

_Bye-Law tal-kiri tal-garaxxijiet u propjeta ohra_. Saret diskussjoni qasira u kien hemm il-qbil li l-bye law li tirrigwardja l-kiri tal-garaxxijiet u propjeta ohra li ghandu l-Kunsill jitkompla x-xoghol fuqa u ghaldaqstant ghanda ssir il-korrispondenza mehtiega mall-avukat f'dan ir-rigward.

**Stqarrija tal-Kunsilliera.**

**Robert Piscopo.** Il-Kunsillier Robert Piscopo propona jekk hux possibli li nistiednu l-kap tal-opposizzjoni biex jiltaqa' mall-kunsilliera. Gie deciz li tinkiteb ittra biex jigi mistieden.

**Mandy Buhagiar**. Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar qalet li s-Sirens Football Club talbu ghajnuna mill-Kunsill biex tinxtara tazza u memento ghall players u jithallsu l-ispejjes tal-banda ghax gew promossi. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. Hija kompliet ukoll titlob biex isir aktar qtugh ta' haxix pero gie spjegat li ghalissa mhux qed jinqata' haxix minhabba n-nahal.

**Graziella Galea**. Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li hemm bzonn ta' patching fi Triq l-Imhar u talbet ukoll biex il-bozza fiz-zona ta' Gebel Azzara titwahhal. Hija kompliet tghid li tixtieq tikkundanna l-vandalizmu li qed isir madwar il-lokalita taghna u li dejjem donnu qed jizdied.

**Alex Bezzina**. Il-Vici Sindku Alex Bezzina qal li habib tieghu avvicinah biex jirregala board tal-basketball professjonali u lid an jixtieq li jitwahhal fl-area tal-iscouts fejn il-kamra tal-pompa gewwa l-Pwales. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. Huwa kompla jghid li faccata tal-knisja tal-Qawra kein hemm zewg kaptelli li nkissru u ghandhom bzonn il-manutenzjoni minnufih.

**Raymond Tabone**. Il-kunsillier Raymond Tabone qal li jitlob lill kumitat tal-festa biex jipprezentaw l-invoices tal-kuncert li kien sar bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill gewwa l-Qawra tal-Queen. Huwa kompla jghid li ma' jistax jithallas l-ammont kwazi ta' €4000 minghajr invoices u ghaldaqstant huwa fl-interess tal-kumitat tal-festa li jipprezentaw l-ircevuti biex ikun jista' jsir il-hlas. Raymond Tabone kompla jghid li twahlu l-bnadar quddiem il-knisja tal-Gillieru u li gew sbieh hafna. Kompla jispjega wkoll li l-ammont ta' €120k li huma dovuti lill Kunsill mill-Kumitat tat-tramuntana ghadd mhumiex konfermati u hemm xi problemi teknici li qed jigu diskussi.

Skuzat – 1937 il-Kunsillier Peter Abela gie skuzat ghax kellu xi mpenji familjari biex jatttendi.

__Stqarrija tas-Sindku__

1. **Rendikont finanzjarju** – is-sindku jrid jaghti rendikont lis-sedja biex kulhadd ikun infurmat b' dak li hu ppjannat li jitwettaq fl-ahhar sena tal-legislazzjoni . Ghalhekk talab lis-segretarju ezekuttiv biex jipprepara l-workings fuq xogholijiet li huma ppjanati fejn barra flus tal-allokazzjoni li jaghtina d-dipartiment , hemm flus ohra taht skemi differenti li ngibu f' dawn l-ahhar xhur biex jaghmlu tajjeb ghal progetti li se jkomplu jgibu qabza fil-kwalita tal-lendskejping u ghal attivita socjali tan-nies.
2. **Progetti tal- ESF , Mizura 313 , Mizura 125** . Wara tant xhur ta' qtugh il-qalb , fejn fil-bidu ta' din il-legislazzjoni sab il-kunsill lokali nuqqas ta' karti u firem ta' persuni li suppost kienu iffirmaw fil-legislazzjoni ta' qabel. Minkejja , l-ostakoli kollha li nqalghu biex ixekklu l-progress tal-progett tal-ESF u tal-progett taht il-Mizura 313 , xorta wahda il-kunsill habbrek biex jaghmel tajjeb ghan nuqqasijiet li kienu mwettqa fil-legislazzjoni ta' qabel u irnexxielna nwasslu l-progett sat – tmiem b' risq il-poplu tal-lokalita . Tajjeb li nfakkarkom li taht il-progett tal- ESF , gibna korsijiet b' valur ta' `100,000 ewro waqt li taht il-mizura 313 , se naghtu spinta lil prodott turistiku tal-lokalita li ghandu valur ta' aktar minn 100,000 ewros . Rigward il-mizura 125 li ghandu valur ta' 27,000 ewros , ghad inriedu naraw l-ezitu tat-tenders li jridu jinfethu.
3. **Progett tal-pjanti indigini**- proposti ghal tisbieh bi pjanti . Ghandna progett iehor li jsebbah il-promenade mix-Xemxija sal- Qawra . Hawnhekk , il-kunsill lokali irnexxielu jgib progett ekologiku li mhux biss isebbah l-inhawi imma wkoll ikun sorz ta' informazzjoni . Dan ghandu valur ta' 50,000 ewros. Tajjeb lit kunu tafu li r-rapport tal-proget kitbu sindku. Barra din l-applikazzjoni , is-sindku kiteb ukoll progetti fuq l-inklusivita u fuq l-intrapriza f' atmosfera kummercjali li ghad inridu nistennew ir-rizultat tal-kompetizzjoni fost il-kunsilli lokali .
4. **Progett tal-monument ta' San pawl** – is-sindku jissugerixxi kitba ufficjali lil ministru biex issir il-pedament fir-rawndebawt. Dan hu progett li nridu nistimulaw interess fost il-poplu sabiex fi zmien stipulat , norganizzaw attivitajiet popolari sabiex fund raising group jigbor il-flus mehtiega biex issir il-monument fir-rawdebawt ta' hdejn l-erba' mwiezeb. Dan ikun konsonanti max-xoghol li sar fuq l-erba' mwiezeb u l-vaska . Nipproponi li ssir pompa zghira biex l-ilma jinzel minn l-erba' mwiezeb ghal vasca u titwahhal lampa biex tkun tista' tidher bil-lejl.
5. **Kawzi legali** . Bhala kawzi legali , tajjeb li nuri sodisfazzjoni kbira lejn l-avukat John Bonello li mexxa l-kawzi tal-kunsill lokali b' success . Nixtieq b' mod pubbliku nirringrazzjah .
6. **Permessi mahruga ghal open gym** , jonqos issa l-BOQ biex jinhareg it-tender . Tajjeb li nfakkar li dan il-progett ghandu valur ta' 75,000 ewro. Progett li jaghti opportunita lil dawk ir-residenti li jixtiequ jaghmlu uzu minn dan l-open gym u jezercitaw ezercizzji fizici . Dan il-progett huwa f'armonija mal-principju ekologiku li jhaddan il-kunsill li tmexxa minni bhala sindku , u jiena nista' nhares li s-sentejn li hdimt , irnexxielli anke nittracja flus li huma dovuti lil Kunsill lokali taghna , liema somma tlahhaq bejn 120,000 ewros sa 140,000 ewros. Dawn il-flus kienu immanigjati mil-Kumitat Konjunt tat-Tribunal Tal-Wardens u fil-gejjieni qarib se jghaddu lil Kunsill taghna .
7. **Permessi mistennija**- il-bandli , sub-office tal-pjazza u parkegg ghal karozzi . Nahseb li l-istennija ghal permessi twalet xi ftit , biex ikollna bandli godda barra dawk li sewwejna , u l-permess biex nifthu s-suboffice tal-kunsill li jkun centru ta' informazzjoni kemm ghat – turisti u ghal maltin. Mill-UIF , nistghu nuzaw sa 180,000 ewros li huma dovuti lil Kunsill lokali taghna , u jiena nheggeg lis-segretarju ezekuttiv biex kull gimgha jqabbad lil xi hadd mill-istaff biex jigri wara l-permessi ghaliex inkella l-affarijiet ma jimxux f' dan il-

15. **Proveniment ta' servizzi ta' ilma u elektriku fuq il-mollijiet .** Bhal dak li sar fuq tal-Veccja , fejn il-kunsill lokali nefaq madwar 10,000 ewros biex itejjeb il-moll tal- Veccja u bqajna b' xiber imnieher , nipproponi li jkun hemm talba lil ministeru tal-ilma u tal-energija biex jitwahhlu aktar kaxxi biex jipprovdu dan is-servizz lil boat owners li jirrekjedu s-servizz bi hlas. Ghandna l-mollijiet , bhal dak li hemm fil- jetty ta' Bugibba li l-MOT ghandu jiffinanzja anke vestun tad-dawl ghaliex ikunu ghexieren ta' turisti li jinzlu bil-lejl minn dghajjes ghal fuq il-moll u fid-dlam , il-post huwa spjacevoli. Ahna bhala Kunsill naghmlu talba lil ministeri koncernati imma fl-ahhar mill-ahhar , iridu jkunu huma biex jiffinanzjaw dawn is-servizzi .
16. **Proponiment ghal sindikat – 2 /5/14** - thejjija tal-firem tal-bank u transfers tal-firem . Bhalma illi nghid li jiena dejjem kelli l-intenzjoni li fl-ahhar parti mill-legislazzjoni , jkun hemm xi Kunsillier li jesperjenza x-xoghol ta' sindku. Jiena nistqarr li se nkompli nahdem bhalma kont nahdem matul dawn l-ahhar sittax il-sena , fejn dejjem poggejt l-interess uman qabel kull interess iehor. Jiena nifhem ukoll li l-kunsilliera shabi bhal kull persuna jghaddu minn zmienijiet difficli fil-hajja , u ma nistax niggudika lil hadd , ghaliex nifhem li x-xoghol tal-kunsillier huwa xoghol fil-volontarjat imma jinvolvi l-ispejjes bhalma huwa t-telefown u petrol. Kien dan il-punt li jiena qajjimt fil-laqgha tas-sindki fejn tlabt li d-dipartiment jaghti l-permess lil amministratur tal- Kunsill biex fl-ahhar tax-xahar il-kunsillier jiehu l-allowance ta' mitt ewro . Dan il-punt instema mill-On Jose Herrera li r-risponda fil-laqgha tas-sindki li dak li kont tlabt jiena, se jkun evalwat mill-konsulent tieghu Mr Michael Cohen u ghandhom jaghtuna risposta. F'dan il-kaz , nitlob lis-segretarju ezekuttiv biex jikteb lil Mr Cohen biex jara' kif bqajna mieghu. Issa wkoll, nixtieq pubblikament nistqarr li jiena se ncedi is-sindikat ghax nemmen li se jkun pass ghaqli biex haddiehor jitrawwem. Se nkun nhar l-erbgha fl-erbgha ta' filghaxija li ntemm is-sindikat imma se nzomm il-post ta' Kunsillier , fejn inwieghed li se nkompli nahdem man – nies . Ghalhekk, issa nsaqsi lil vici sindku Alex Bezzina jekk hux interessat li nhar l-erbgha jilqax it-talba tieghi li jkun is-sindku.

**Hatra ta' Sindku.**

*Il-vici Sindku Alex Bezzina qal li filwaqt li jirringrazzja lis-Sindku Mario Salerno ta' l-opportunita li jiehu s-sindikat, huwa ghaddej minn zmien difficli u minhabba xoghol u impenji ohra jippreferi li jcedi s-sindikat lill Kunsillier Raymond Tabone. Ghaldaqstant is-Sindku Mario Salerno talab lis-Sur Raymond Tabone jekk hux lest li jiehu s-sindkiat f' idejh. Is-Sur Raymond Tabone qal li jirringrazzja lill Mario Salerno u lil vici Sindku u li jaccetta l-hatra ta' Sindku.*

Il-Kunsilliera kollha rringrazzjaw lill Mario Salerno tal-impenn tieghu u tal-hidma kollha li wettaq fi hdan il-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar.

**Aggornament tal-laqgha.**

Il-laqgha spiccat fid- 2105 u gie deciz li ssir laqgha b' urgenza nhar l-erbgha 9 t' April fis-1800pm.fl-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill ~~Lokali~~ an Pawl il-Bahar.

Mario Salerno
Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.